BANK ĊENTRALI TA' MALTA

EUROSISTEMA

CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 02/2010**

**Mejju 2010**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ l-istqarrija tiegħu dwar l-istatistika monetarja ta' kull xahar għal Mejju 2010.

Matul ix-xahar, il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro naqset wara li matul l-aħħar xahrejn kien hemm żewġ żidiet konsekuttivi. Din naqset b'EUR54.4 miljun jew 0.6%, għal EUR8.7 biljuni. Minħabba f'hekk, ir-rata annwali tat-tkabbir tagħha ċediet għal 1.7% minn 3.0% f'April 2010.

Matul Mejju, il-komponent monetarju ristrett (M1) żdied b'EUR70.7 miljun, jew 1.5%, l-iktar minħabba żieda fid-depożiti *overnight*. Depożiti ta' residenti Maltin kibru b'1.7%, hekk kif żdiedu sew il-bilanċi miżmuma minn kumpaniji tal-assigurazzjoni residenti, intermedjarji finanzjarji oħra li mhumiex banek u kumpaniji privati mhux finanzjarji. Madankollu, depożiti *overnight* ta' residenti ta' pajjiżi oħra barra ż-żona tal-euro naqsu bi ftit. Sadanittant, l-ammont ta' flus maħruġa żdiedu b'EUR9.3 miljuni, jew 1.5%. Għalhekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M1 kompliet togħla għal 16.9% minn 15.6% f'April.

Minkejja din iż-żieda fl-M1, matul ix-xahar kopert kien hemm tnaqqis fil-komponent monetarju intermedju (M2) ta' EUR76.4 miljun, jew 0.9%. Dan ġara minħabba tnaqqis qawwi fid-depożiti marbuta għal sentejn jew anqas, li naqsu b'EUR147.3 miljun, jew 3.5%. Depożiti ta' residenti Maltin naqsu b'3.7% wara li kienu stabbli f'April. Dan it-tnaqqis kien l-aktar dovut għall-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji. Sadanittant, depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas żdiedu bi ftit.

Kollox ma' kollox, id-depożiti ta' residenti Maltin naqsu b'EUR85.8 miljun matul Mejju. It-tnaqqis fid-depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' sentejn jew anqas patta għall-irpiljar li kien hemm fid-depożiti *overnight*. B'riżultat ta'

dan, ir-rata tat-tkabbir annwali fid-depożiti tar-residenti naqset għal 2.1% minn 3.2% tax-xahar ta' qabel.

Matul Mejju, is-self lil residenti Maltin kiber b'EUR153.5 miljun, jew 1.5%. Ix-xiri mill-Bank ta' titoli tal-gvern fuq is-suq primarju għolla s-self lill-gvern ġenerali b'EUR123.7 miljun. Fl-istess waqt, is-self lil residenti barra s-settur tal-gvern ġenerali żdied b'EUR29.8 miljun, hekk kif żdied is-self lil individwi għall-iffinanzjar ta' xiri ta' djar u, partikolarment, lis-settur tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut. Ir-rata tat-tkabbir annwali tas-self lil residenti Maltin żdiedet għal 9.7% minn 8.5% f'April.

Sadanittant, is-self lil residenti ta' Stati Membri oħra taż-żona tal-euro żdied b'EUR189.5 miljun, hekk kif IFM residenti xtraw titoli ta' self maħruġa minn gvernijiet ta' pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro u sellfu lil kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro. B'riżultat ta' dan, matul ix-xahar kopert, is-self lir-residenti kollha taż-żona tal-euro kiber bi EUR343.0 miljun, jew 2.5%.

F'Mejju, il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM residenti f'Malta u dawk residenti f'pajjiżi barra ż-żona tal-euro, żdiedet bi EUR32.9 miljun, jew 0.4%. L-obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro għolew hekk kif l-IFM residenti xtraw aktar titoli maħruġa minn gvernijiet ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro. Fl-istess ħin, żdiedu wkoll l-obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro bħala depożiti fissi miżmuma ma' banek residenti.

Il-kontropartijiet l-oħra tal-M3 żdiedu b'EUR430.3 miljun, jew 3.4%, matul ix-xahar kopert. Dan ġara l-aktar minħabba transazzjonijiet li saru bejn il-banek fiż-żona tal-euro kollha u li huma inklużi taħt 'obbligazzjonijiet oħra (netti)'. Żieda fis-self li ngħataw lill-IFM residenti, kif ukoll żieda fid-depożiti fissi ta' banek oħra fiż-żona tal-euro, patta għat-titjib li kien hemm fid-depożiti fissi tal-IFM residenti ma' banek residenti fil-bqija tal-pajjiżi fiż-żona tal-euro.

F'April, ir-rata tal-imgħax medja ppeżata, kif applikata minn banek residenti fuq depożiti tal-klijenti naqset għal 1.39% minn 1.40%, kif għamlet ukoll dik applikabbli għal self, li naqset b'punt bażi għal 4.46%.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta* [www.centralbankmalta.org](http://www.centralbankmalta.org)**

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM(1)

*€ miljuni*

| | | Mej-10 | Apr-10 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Mej-09 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI(2)** | | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **1** | **4,683.9** | **4,613.2** | **70.7** | **1.5** | **4,008.4** | **675.5** | **16.9** |
| Flus maħruġa(3) | 1.1 | 653.4 | 644.0 | 9.3 | 1.5 | 617.7 | 35.7 | 5.8 |
| Depożiti *overnight* (4) | 1.2 | 4,030.5 | 3,969.2 | 61.3 | 1.5 | 3,390.7 | 639.8 | 18.9 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 1.2.1 | 3,934.1 | 3,869.9 | 64.2 | 1.7 | 3,306.8 | 627.3 | 19.0 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **2** | **8,831.9** | **8,908.3** | **-76.4** | **-0.9** | **8,718.2** | **113.7** | **1.3** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 2.1 | 4,683.9 | 4,613.2 | 70.7 | 1.5 | 4,008.4 | 675.5 | 16.9 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas(4) | 2.2 | 110.9 | 110.7 | 0.2 | 0.2 | 110.3 | 0.6 | 0.5 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 2.2.1 | 110.8 | 110.6 | 0.2 | 0.2 | 110.3 | 0.5 | 0.5 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas(4) | 2.3 | 4,037.2 | 4,184.5 | -147.3 | -3.5 | 4,599.5 | -562.3 | -12.2 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 2.3.1 | 3,930.2 | 4,080.4 | -150.2 | -3.7 | 4,396.1 | -465.9 | -10.6 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **3** | **8,742.2** | **8,796.6** | **-54.4** | **-0.6** | **8,600.2** | **141.9** | **1.7** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 3.1 | 8,831.9 | 8,908.3 | -76.4 | -0.9 | 8,718.2 | 113.7 | 1.3 |
| Self kontra titoli | 3.2 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas(5) | 3.3 | -89.7 | -111.7 | 22.0 | -19.7 | -117.9 | 28.2 | -23.9 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **4** | **14,235.6** | **13,892.6** | **343.0** | **2.5** | **12,119.6** | **2,116.0** | **17.5** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4.1 | 3,708.6 | 3,470.1 | 238.5 | 6.9 | 2,416.4 | 1,292.2 | 53.5 |
| li minnu: self lil gvern ġenerali Malti | 4.1.1 | 2,128.9 | 2,005.2 | 123.7 | 6.2 | 1,798.4 | 330.5 | 18.4 |
| Self lil setturi oħra | 4.2 | 10,527.0 | 10,422.5 | 104.5 | 1.0 | 9,703.1 | 823.9 | 8.5 |
| li minnu: self lil residenti lokali | 4.2.1 | 7,937.6 | 7,907.8 | 29.8 | 0.4 | 7,378.2 | 559.4 | 7.6 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **5** | **7,735.2** | **7,702.3** | **32.9** | **0.4** | **6,969.9** | **765.3** | **11.0** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 5.1 | 30,575.9 | 29,456.7 | 1,119.2 | 3.8 | 25,710.4 | 4,865.4 | 18.9 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 5.2 | 22,840.7 | 21,754.3 | 1,086.3 | 5.0 | 18,740.5 | 4,100.2 | 21.9 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA** | **6** | **13,228.6** | **12,798.4** | **430.3** | **3.4** | **10,489.3** | **2,739.4** | **26.1** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 6.1 | 699.0 | 584.1 | 114.9 | 19.7 | 620.2 | 78.8 | 12.7 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 6.2 | 10,323.6 | 10,288.0 | 35.7 | 0.3 | 4,680.8 | 5,642.9 | 120.6 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 6.3 | 2,206.0 | 1,926.3 | 279.7 | 14.5 | 5,188.3 | -2,982.2 | -57.5 |

(1) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(2) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(3) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Centrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(4) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

**Noti:**

L-aħħar data għandha titqies bħala proviżorja. Is-sinjal '+' jfisser bidla perċentwali ta' aktar minn +/- 100.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.